**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU DSATAX**

**19 ta' NOVEMBRU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-19:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Muscat.

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **19.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 19.1.1 | | Il-kunsillier is-Sur Daniel Muscat informa li ma setgħax jattendi minħabba impenji ta' xogħol. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **19.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 19.2.1 | | Il-minuti numru 18 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***19.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 19.3.1 | | Is-Sindku qalet li dan ix-xahar kellha laqgħa mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava fuq il-kwistjoni ta' riallokazzjoni tal-monti taż-Żurrieq. Wara din il-laqgħa, impjegata mill-Kunsill marret tliet darbiet waqt il-monti, tiċċekkja l-attendenza tal-bejjiegħa. Il-lista tal-bejjiegħa ingħatat lill-President tal-Assoċjazzjoni u issa l-pass li jmiss hu li terġa ssir laqgħa ma min hu ikkonċernat biex il-post fejn jarmaw jinbidel.<br><br>Iż-żewġ postijiet alternattivi li ssemmew huma Vjal il-Blue Grotto fil-main road jew Vjal ix-Xarolla fil-main road, biex is-service road tkun aċċessibbli għall-vetturi waqt il-ħinijiet tal-monti. Wara diskussjoni ingħatat il-preferenza ta' Vjal ix-Xarolla, minħabba li hi itwal u aktar wiesgħa u tkun ta' inqas inkonvenjent kemm għar-residenti u kemm għat-trasport pubbliku. |
| | | |
| 19.3.2 | | Is-Sindku Rita Grima qalet:<br>• li hi u l-Viċi Sindku marru l-konferenza tal-paċi f'Poland.<br>• saret in-nofs maratona tal-ġiri bil-kollaborazzjoni taż-Żurrieq Wolves – F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li kull darba li ssir din l-attivita, għandu jittella item fuq l-aġenda minn xhur qabel biex jiġu iffissati l-ispejjeż li tkun ser tinvolvi.<br>• saret wirja tal-iskola tas-snajja f'Dar Mattia Preti, fejn attendew ħafna nies.<br>• dan il-weekend ingħatat l-injection tal-influenza u attendew ħafna nies.<br>• Fis -6ta' Diċembru u fit-13ta' Diċembru, ser isir il-Christmas Village u għal dawn iż-żewġ attivitajiet stiednet lill-Orkestra Żurrieq biex tieħu sehem. Is-Surmast qal li hu ser ikun imsiefer u ma jistgħux jattendu għax m'hemmx biżżejjed mużiċisti available. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Orkestra Żurrieq, għandha tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal kull sena qed iġibu xi skuża. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li trid tifhem il-fatt, li dawn huma volontiera u jippreferu li jmorru f'post ieħor fejn jitħallsu.<br>Kien hemm qbil li f'attivita tal-Kunsill Lokali, is-surmast u l-mużiċisti, għandhom ikollhom sens ta' dover li jattendu. Kien hemm qbil li s-surmast tal-Orkestra Żurrieq, għandu jiġi imsejjaħ waqt is-seduta tal-Kunsill ta' Jannar biex issir diskussjoni miegħu.<br>• Kellha laqgħa mas-Surġent il-ġdid tal-Pulizija tal-komunita fejn resqitlu xi ilmenti tal-lokal.<br>• Kellha laqgħa ma' residenti ta' Triq Xandru D'Amato fejn kien hemm art li ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsill għandu ilment minn residenti tas-sit tal-viċin, fejn qed jitolbu biex l-art jixtruha huma, il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u jinfurmah b'dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***19.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 19.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• kunsill partikolari applika biex issir tinda fi ġnien minn fondi tal-gvern. Hi ssuġġeriet li ssir waħda fi ġnien il-ġibjun. Is-Sindku ser tistaqsi fuq din it-tinda u minn fejn inġiebu l-fondi.<br><br>• Fil-ġimgħat li għaddew (28/10/25) xi ħadd qabad is-sriedaq li kien hemm fi ġnien il-ġibjun b'mod ħażin u ma jafux x'sar minnhom. Is-Sindku qalet li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv telgħu fi Ġnien il-Ġibjun u raw ħafna sriedaq.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li talbet stima mingħand kumpanija li taqbad is-sriedaq u toħodhom ġo farm. Bħalissa l-Kunsill għandu ilment ta' sriedaq jinstabu fi Ġnien il-Ġibjun, Triq Fortunato Dalli u Triq Zakkarija Ronkali. Dawn qed iħamġu u jkunu ta' inkonvenjent, għax hemm min jibża minnhom u mir-rix.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib konferma bil-miktub li s-sriedaq li jinqabdu jmorru ġo farm biex jgħixu.<br><br>• Il-problema tal-qtates fi Triq il-Karmnu – il-qtates li hemm fl-akwata għandhom problema tal-marda tal-gardia, li l-ħmieġ tagħhom ikun immerraq. Infurmat li inqaqbdu tnejn u qed ifiequ fil-cat cafe. Ser tipprova taqbad lill-qtates kollha li hemm fi Triq il-karmnu, li hemm 18 -il wieħed u tħalliehom fil-parti tal-cat cafe, li qed issir apposta. Dawn wara li tfejjaqhom u issewwiehom, terġa tpoġġihom fejn kienu. It-triq għandha titnaddaf bil-power wash u bid-diżinfettant, immedjatament wara li jittieħdu l-qtates kollha. |
| | | |
| 19.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• li fi Triq il-25 ta' Novembru fuq il-ħajt ta' faċċata tar-residenti hemm bżonn li jsir il-konkos fuqu.<br>• Staqsa fuq wesgħa il- li hemm fi Triq G M Callus jekk hix tal-Gvern jew tal-privat. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja mad-dipartiment tal-artijiet.<br>• Fi Triq l-Imqabba meta saret it-tarmak u l-bankina lil resident partikolari ma saritlux ir-rampa tal-garaxx. Hu ġie infurmat li l-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel ranep għax illegali.<br>• Il-pompa tal-ġnien l-Emigranti Żrieraq hemm bżonn li tiġi iċċekjiata u titnaddaf il-funtana.<br>• Triq San Luqa hemm tappiera tad-drenaġġ biex tissewwa. |
| | | |
| 19.4.2 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet:<br>• Residenti qed jiġbru petizzjoni biex issir zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza u aktar dawl fit-triq. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex isir culvert fi Vjal l-Indipendenza ma' Triq San Martin għax qed jidħlilhom l-ilma fil-garaxxijiet. Kien hemm qbil li jibgħatulna ritratti tal-każijiet li qed jallegaw.<br>• Triq Wied Babu hemm siġar taż-żebbuġ li għandhom bżonn żabra. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Sqaq il-ballott hemm ħofra kbira mgħottija bi pjanċa kbira. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħdu ħsiebha.<br>• Triq Vincenzo Caruana hemm plot vojta li qed tintuża għal parkeġġ. Dik hi art privata u l-kunsill ma jidħolx fil-privat.<br>• Triq Gwann Camilleri biex issir drop kerb. Ser jinġibu ritratti tal-post eżatt. |
| | | |
| 19.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• Hemm nuqqas ta' dawl fi Triq it-Tunnara. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie irrappurtat. |
| | | |
| 19.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal :<br>• Waqt il-Christmas market ser ikollna presepju ħaj.<br>• Ser jagħmel attivita għat-tfal għal żmien il-Milied. |
| | | |
| ***19.5*** | | ***Attivita Sportiva*** |
| | | |
| 19.5.1 | | Dan l-item ser jerġa jitqajjem f'seduta li jmis meta jkun hawn preżenti l-Kunsillier inkarigat. |
| | | |
| ***19.6*** | | ***Parkeġġ fi Triq il-Kbira*** |
| | | |
| 19.6.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici tkellem fuq sinjal ta' parkeġġ fi Triq il-Kbira:<br>• jiżdied parkeġġ fil-pjazzetta.<br>• Isir double yellow line quddiem dar li m'għandix bankina.<br>• Isir double yellow line viċin Sqaq numru wieħed.<br>• Issir tabella tal-muturi f'kantuniera ma' Triq San Leopoldu, għax minflok muturi qed jipparkjaw vetturi.<br>• Isir refresh tal-parkeġġi faċċata ta' Sqaq Numru wieħed.<br>**Dok 2 mehmuż**<br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| ***19.7*** | | ***Road markings fi Sqaq Ballott*** |
| | | |
| 19.7.1 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Marylyn Sammut, ressqet ilment li sar wara li l-Kunsill għamel linji sofor ma' xatba ta' għalqa, minħabba li s-sid tal-għalqa talab linji biex ikun jista jdaħħal il-makkinarju tiegħu fl-għalqa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Persuna li toqgħod faċċata tiegħu jrid li jitneħħew il-linji li saru biex ikun jista jipparkja.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex il-linji jitneħħew għax l-għalqa ilha hemm u dejjem setgħa jdaħħal il-makkinarju tiegħu fl-għalqa.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu. |
| | | |
| ***19.8*** | | ***Rapport Annwali Amministrattiv*** |
| | | |
| 19.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz tar-rapport annwali amministrattiv 2025. Dan ġie maqbul biex jitressaq lid-Dipartiment. |
| | | |
| ***19.9.1*** | | ***Pjan ta' ħidma rivedut u Estimi Annwali 2026 (Budget 2026)*** |
| | | |
| 19.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Pjan ta' ħidma 2026 biex jiġi approvat mill-Kunsill. Dan ġie approvat biex jintbagħat.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tal-Estimi Annwali 2026. Dan ġie approvat. |
| | | |
| ***19.10*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***19.11*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 19.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Infurmat li residenta ressqet każ quddiem l-board tad-Data Protection, għaliex waqt li kuntrattur f'isem il-WSC kien qed jagħmel xogħol fi triq, neħħa l-aċċess lil għall-garaxx ta' din ir-residenta u l-Kunsill irrapporta lill-WSC billi ta l-informazzjoni ta' din ir-residenta lilhom biex iftħulha l-aċċess. Kieku ma sarx hekk, WSC ma setgħetx tkun taf liema garaxx ġie ostakolat. Ġie mqabbad l-avukat tar-reġjun fuq DPA u tkellem għall-Kunsill. Wara ħafna korrispondenza, l-bord tad-Data Protection, wissiet lill-Kunsill biex kull darba jitlob kunsens lir-resident jekk ikunx irid li l-informazzjoni tiegħu titmexxa. Kien hemm qbil li tinġabar stima biex it-telefonati jibdew jiġu rrekordjati.<br>• Kien hemm talba għall-sleeping policeman fi Triq il-Wied k/m Triq l-Għerejjen. Ma kienx hemm qbil.<br>• Issuġġeriet li jsiru moveable cctv f'postijiet fejn l-aktar li residenti jitfgħu skart jew mhux fil-ġurnata li suppost jew f'post ieħor. Inġabret stima ta' waħda li qed jużaw Kunsill Lokali ieħor u li tiswa 800E + installazzjoni ta' wifi. Kien hemm qbil biex issir waħda fi Triq il-Kbira fejn is-Salib u oħra fi Triq tal-Kmand fejn il-bins il-blu.<br>• Qabel ma kienet reġgħet saret Triq il-Karmnu bit-tarmak, viċin entratura ta' ħafna garaxxijiet kien hemm double yellow lines mill-entratura sal-ewwel garaxx. Wara li sar it-tarmak il-linji sofor saru mal-garaxx u mal-kantuniera tal-entratura tal-garaxxijiet, bi spazju ta' parkeġġ ta' vettura żgħira bejniethom. Sid l-ewwel garaxx irid li l-linji jkunu kontinwi mill-garaxx tiegħu sal-entratura, għax meta tipparkja |

| | | |
|---|---|---|
| | | vetture jiġi ostakolat. Xi ġranet wara li għamel din it-talba, reġa ġie fil-Kunsill u qal li mill-entratura tal-bieb tar-residenza tiegħu joħroġ ukoll mutur u b'vettura ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu ma jkunx jista jagħmel dan. Fl-istess ħin residenti tal-akwata ma jridux li jonqsilhom parkeġġ. **Dok 4. Mehmuż**<br>Il-Kunsillieri Dino Bonnici, Kyle Mifsud u Marylyn Sammut, qalu li ġaladarba s-sit mhux garaxx u hemm spazju biex talinqas joqgħod mutur hemm bżonn li ssir parking bay ta' mutur. Kien hemm qbil li jerġgħu jsiru l-linji sofor kif kienu qabel.<br>• Biex tidjieq it-traffic island li hemm fi Triq G M Callus in-naħa tat-torri. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 5 mehmuż**<br>• Is-sezzjoni ta' Minn Qalb iż-Żrieraq fi ħdan l-Għaqada Karmelitana u Banda Queen Victoria, talbet l-assistenza u l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex ittella attività b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill jista jgħati l-għajnuna tiegħu bil-barriers u l-permessi meħtieġa.<br>• Biex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-familja Sammut tal-affarijiet antiki li taw għall-Mitħna tax-Xarolla.<br>• Wara talba li saret fil-Kunsill, biex fi Triq il-Bronja, jitwaħħal arblu b'merja biex sidien ta' garaxxijiet jaraw il-vetturi li jgħaddu mit-triq, waqt li jkunu ħerġin mill-garaxx tagħhom, fil-Kunsill daħlet oġġezzjoni minn resident li quddiem ir-residenza tiegħu twaħħal l-arblu. Kien hemm qbil li dan l-item jerġa jitressaq f'seduta li jmiss, wara li l-Kunsilliera jmorru jaraw il-każ.<br>• Hemm applikazzjoni fil-PA biex tinbidel il-linja tal-bini fi Triq Bubaqra. L-iskop tal-applikazzjoni hu li l-wisgħa tat-triq tiġi kullimkien l-istess. Il-konsulent tal-PA għall-Kunsill Lokali ma jaħsibx li hemm għalfejn jinbidel. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 6 Mehmuż.**<br>• Hemm applikazzjoni fil-PA biex plot fi Triq is-Sienja jieħu parti minn kantuniera, b'tali mod li bejn triq u oħra ma jkunx 90deg. Il-konsulent tal-Kunsill issuġġerixxa biex il-Kunsill ma japprovax. Kien hemm qbil fuq is-suġġeriment tal-Konsulent. **Dok 7 mehmuż.** |
| | | |
| 19.11.2 | | Mix-xahar li ġej il-Kunsill ser jibda jħallas għas-servizz tal-website li tinsuża biex isiru il-permessi. Dan il-ħlas jinvolvi 3,500Euro minħabba li fiż-Żurrieq jsiru aktar minn 5k permess fis-sena. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 19.11.5 | | Zurrieq Wolves Hotsticks Hockey Club, infurmaw lill-Kunsill Lokali, li ser ikunu ħa jieħdu sehem fil-Euro Hockey Challenge f'Poland, f'Mejju 2026 u qed jitolbu sponsor għax l-ispiża ser titla għal 30K. **Dok 8 mehmuż.**<br>Ma kienx hemm qbil. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 19.11<br>.6 | | Ir-Reġjun Punent ser jagħti AED ġdida lil kull lokalita fir-reġjun.<br><br>Kien hemm qbil li tali AED titwaħħal mal-faċċata ta' propjeta fi Triq Ir- Rettur.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fit-20:30. |
| | | |
| 19.11<br>.6 | | Inġabru stimi għal pots kbar biex jitpoġġew fi Triq P P Saydon. L-orħos stima kienet mingħand Zammit Nurseries li 10 ser jiġu jiswew 2,000E.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet fejn ser jitpoġġew il-pots eżistenti li hemm bħalissa. Minħabba li ma kienx hemm qbil fejn ser jitpoġġew dak eżistenti, kien hemm qbil li kollox jibqa kif inhu. Kien hemm qbil li Project Green jieħdu ħsieb li jagħtu siġar/pjanti lill-Kunsill biex jitħawlu minflok dawk li mietu. |
| | | |
| 19.11<br>.7 | | Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Kunsill Ħal Safi biex konġuntament nerġgħu naraw l-applikazzjoni PC62/20 fuq sit fi Triq Sant'Andrija u Triq il-Ħajt Ruman (viċin il-Mitħna tax-Xarolla). Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lill-Konsulent tal-kunsill għas-suġġerimenti tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 19.11<br>.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħadet linja gwida mingħandi d-Direttur tal-Gvern Lokali fuq il-persuni li jiġu jitkellmu waqt is-seduti tal-Kunsill. Ġiet infurmata li dan ma jistax isir għaliex ir-residenti għandhom żewġ laqgħat tal-komunita fejn jistgħu jintervjenu.<br>Wara diskussjoni u diapprovazzjoni ta' dan, kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat tistaqsi lid-Direttur biex jikkwota l-liġi. |
| | | |
| ***19.12*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 19.12<br>.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 54. |
| | | |
| ***19.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 19.13<br>.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 9** għall-ammont totali ta' €174,728.32<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsillier Dino Bonnici u Jeremy Coleiro. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***19.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 19.14 .1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2025, fis-6:00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa annwali ssir fil-5:30 ta' filgħaxija dakinhar stess. |

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**